MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Numru. 70/2007

**Il-Pulizija**

**Spettur Alexander Paul Miruzzi**

**Spettur Marisa Camilleri**

**vs**

**Carmelo Dimech**

**Ludwig Dimech**

**Melchior Dimech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’

**Carmel Dimech** ta' 48 sena bin Salvu u Nazzarena nee' Farrugia, imwieled Zebbug fil-31 ta' Jannar, 1959, residenti fil-fond 'Our Nest' Triq l-Indipendenza, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita' numru 97059(M);

**Ludwig Dimech** ta' 23 sena bin Carmel u Josephine nee' Chircop, imwieled Pieta' fid-29 ta' Jannar, 1983, residenti fil-fond 'Our Nest' Triq l-Indipendenza, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita' numru 135683(M);

**Melchior Dimech** ta' 24 sena bin Carmel u Josephine nee' Chircop, imwieled Pieta' fis-7 ta' Frar, 1982, residenti fil-fond 'Our Nest' Triq l-Indipendenza, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita' numru 119582(M);

Akkuzati talli fl-24 ta' Jannar, 2007 f' Haz-Zebbug ostakolaw jew xort' ohra fixklu, jew ippruvaw izommu, jostakolaw jew jfixklu lill-ufficjali tal-MEPA (Malta Environment and Planning Authority) u lill-ufficjali tal-Pulizija fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom taht l-Att 1 ta' l-1992 u naqsu milli jaghmlu dak li ragonevolment gie mitlub li jaghmlu minn dawn l-istess Ufficjali ta' l-MEPA u tal-Pulizija. Dan bi ksur tal-Artikolu 56(1) tal-Att ta' l-1992.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew b' theddid gieghelu Ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga taghhom.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakkaw, jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hekk ta' kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta' qabel l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' uhud nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m' obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahlu fid-dmirijiet taghhom, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel li b' ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, kemm –il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-

indhil ma kien jaqa’ taht dispozizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali jew ta’ ligi ohra.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’ xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Dimech Ludvic wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok,, hin u cirkostanzi kkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Josie Brincat skond kif iccertifika Dr S.B.Das tal-Floriana Health Centre.

F’ kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni hawn fuq imsemmija jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b’ obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta’ somma ta’ flus li tiffissa l-istess Qorti.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-13 t’ Awwissu, 2007 (inserita a fol. 211 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-Ligi:-

Fil-konfront ta’ Carmelo Dimech u Melchior Dimech:

(a) Fl-artikolu 56(1)(d) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta);
(b) Fl-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 63 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta’ Ludwig Dimech:

(a) Fl-artikolu 56(1)(d) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta);
(b) Fl-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
(g) Fl-Artikoli 214, 221(1) u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-31 ta’ Mejju, 2013 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi;

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Ili l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incidenti li nqalghu fl-24 ta' Jannar 2007 fi Mdina Road, Haz-Zebbug meta ufficjali tal-MEPA talbu l-assistenza tal-Pulizija sabiex jassistuhom jinfurzaw Ordni ta' Twaqqiegh ta' bini illegali fil-proprjeta' tal-familja Dimech u cioe' tal-imputati. Kif waslu fuq il-post fejn kellu jsir dan ix-xoghol il-Pulizija u l-haddiema tal-MEPA sabu l-membri tal-familja Dimech li riedu spjegazzjoni ta' dak li kien qieghed jigri minhabba li fuq il-post kienu anki ngiebu ingenji tal-Forzi Armati ta' Malta stante li kuntratturi privat ma riedux jaghmlu dan ix-xoghol ta' twaqqiegh. Meta waslu l-Pulizija fuq il-post sabu l-familja Dimech, inkluzi t-tlett imputati fil-kawza odjerna, jostakolawhom milli jidhlu fil-proprjeta' taghhom fi Mdina Road, Zebbug sabiex jigi ezegwit l-Enforcement Notice tal-MEPA. L-iSpettur Miruzzi li kien wiehed minn tal-ewwel li waslu fuq il-post tkellem mal-imputati fejn gie spjegat lilu mill-familjari Dimech li l-MEPA ma kellhomx dritt li jwaqghu il-proprjeta' taghhom minhabba li l-bini li kien ser jitwaqqa' kien fil-fatt inbena' mill-ADT bhala kumpens ghall-esproprijazzjoni ta' parti mill-art proprjeta' tal-familja Dimech meta twessghat it-triq. Illi meta l-Pulizija raw hekk tkellmu kemm mal-ufficjali tal-MEPA kif ukoll mal-Kwartieri Generali tal-Pulizija izda a regghu inghataw ordni li

t-tieni sular mibni fuq il-proprjeta’ tal-familja Dimech kellu jitwaqqa’ minhabba li kien mibni minghajr permess.

Illi ghalhekk meta l-Pulizija regghu pruvaw jidhlu fil-proprjeta’ tal-familja Dimech sabiex jassistu lill-haddiema tal-MEPA jibdew ix-xoghol ta’ twaqqiegh irriskontraw  rezistenza min-naha tal-imputati fejn giet imblukkata it-triq anki permezz ta’ trukkijiet li tnizlulhom it-tyres u gew kagunati feriti ta’ natura hafifa fuq diversi membri tal-korp tal-Pulizija. F’ dawn ic-cirkostanzi gie ordnat tow truck sabiex jitnehhew dawn it-trukkijiet halli jkun jista’ jinbeda’ x-xoghol. Kien f’ dan il-mument li t-tensjoni zdiedet u l-imputat Melchior Dimech intefa’ taht it-truck sabiex il-Pulizija ma jkunux jistghu iresqu t-trukk.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2007 xehed l-Assistent Kummissarju Josie Brincat fejn qal li fil-gurnata, lok u hin in dizamina kien ta struzzjonijiet lill-iSpettur Alex Miruzzi sabiex flimkien man-nies tieghu imur fi stabbiliment, fi Mdina Road Haz-Zebbug sabiex jassisti lill-ufficjali tal-MEPA fl-ezekuzzjoni ta’ Enforcement Order in konnessjoni ma twaqqiegh ta’ bini illegali. Huwa kien gie infurmat li fil-fatt membri tal-familja Dimech, il-proprjetarji tal-fond fejn kellu jigi ezegwit l-Enforcement Notice, ma bdewx ihallu lill-ufficcjali tal-MEPA jipprocedu bit-twaqqiegh tal-bini ghalkemm dawn pruvaw jikkonvincuhom li kienu qed jaghmlu xogholhom. Ix-xhud jghid li meta mar fuq il-post prova jikkonvinci lill-proprjetarju, l-imputat Carmel Dimech, sabiex hu u l-familja tieghu jikkoperaw u jhallu lill-ufficjali tal-MEPA jaghmlu xogholhom izda dan qallu li

kien ser jibqa' jostakola x-xoghol. Huwa kompla jghid li kien hemm theddid fil-konfronti ta' haddiema li kienu fuq il-post u lejn l-ufficcjali tal-MEPA. Meta x-xhud kkonstata dan l-fatt gie ordnat kemm tow truck privat kif ukoll iehor tal-Pulizija sabiex jnehhu l-vetturi li kienu qed jostakolaw ix-xoghol li kellu jsir. Dejjem skond dan iv-xhud malli wasal it-tow truck privat, l-imputat Charles Dimech beda' jhedded lix-xufier u ghalhekk gie ordnat li jintuza t-tow truck tal-Pulizija. Meta waslu fuq il-post ufficcjali tal-armata sabiex inehhu l-ostakoli li kien hemm fin-nofs wiehed mill-imputati ntefa' taht it-truck u dak il-hin inghatat ordni sabiex il-Pulizija jnehhu lill-imputati min- nofs. L-istess xhud spjega li malli pogga jdejh fuq spallejn l-imputat Charles Dimech sabiex ikellmu, mar it-tifel tal-imputat (ghandu jinghad li fix-xhieda tieghu ma semmiex l-isem tieghu izda spjega biss fejn kien qieghed bil-qieghda gewwa l-Awla) li gidmu fuq sidru. L-Assistent Kummissarju Brincat mar gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Floriana sabiex jigi nvistat fejn gie certifikat[1] li kellu griehi hfief (Dok JB1 a fol 56). Huwa kompla jghid li huwa kien tkellem mal-ufficjali tal-MEPA minhabba li l-imputat Charles Dimech kien qallu li kien ghad hemm appell pendenti izda meta saru l-verifiki relattivi rrizulta li dan l-appell fil-fat kien gie michud. Ix-xhud esebixxa diversi ritratti li jinsabu nseriti a fol 57 u huma mmarkati bhala Dok JB. Illi fuq il-post kien hemm diversi vetturi kbar li kellhom it-tyres imnizzlin izda wara dan kollu l-imputat Charles Dimech accetta li jonfoh ir-roti sabiex dawn ikunu jistghu jinstaqu. L-Assistent Kummissarju Brincat eskluda li f' xi hin huwa kien aggressiv mal-imputati. Huwa zied jghid li l-imputat

[1] Waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu Dr. Das Satya Brat ikkonferma li kien ezamina lix-xhud u hareg ic-certifikat mediku li jinsab a fol 56 fejn kien qallu li kien gie migdum fuq in-naha tax-xellug. Huwa kien ezaminah nhar l-24 ta' Jannar 2007.

Ludvig Dimech kien aggressiv b' mod fiziku mal-Pulizija filwaqt li l-imputati Charles u Melchior Dimech uzaw rezistenza passiva.

Illi waqt l-istess udjenza xehed is-Supretendent Lawrence Cutajar dwar dak li gara fid-data lok u hin in dizamina fejn ikkorrobora dak li qal l-Assistent Kummissarju Brincat u spjega li wara li l-familja Dimech nehhew il-vetturi minn fuq il-post beda x-xoghol tat-twaqqiegh tal-bini. F' din l-udjenza xehed ukoll PS 1033 Sandro Mangion spjega l huwa kien mar fuq il-post sabiex jghin lill-ufficjali tal-MEPA jezegwixxu Enforcement Notice izda l-imputati bdew jostakolaw ix-xoghol anki billi qaghdu quddiem it-trukkijiet u malli l-Pulizija nghataw ordni sabiex inehhuhom min-nofs huma gew aggrediti mill-imputati fejn ix-xhud spjega li  sofra xi griehi hfief (Dok SM 1 a fol 66). Huwa zied jghid li l-grief li kellu ma kienx jaf min ikkagunhom u qal ukoll li ma ra lil hadd mill-imputati jaghti bil-ponn lil haddiehor.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2007 xehed PC 882 John Falzon li qal li fid-data in kwistjoni kien gie ordnat jakkumpanja ufficjali tal-MEPA fl-istabbiliment tal-familja Dimech f' Haz-Zebbug minhabba li kienu sejrin iwaqqghu sular f' dan il-fond fejn inqala' l-inkwiet meta waslu fuq il-post u l-imputat Melchior Dimech prova jigdmu meta huwa mar sabiex jarrestah u xi hin wara dan dahal taht wiehed mit-trukkijiet li kellhom it-tyres imnizzlin u beda' jhedded lill-ufficjali tal-MEPA. PC 882 qal ukol li Carmel Dimech beda' jheddu u f' mument minnhom huwa kellu jigbdu peress prova jattaka lil PC 1033.

Fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2008 xehed Charles Debattista li huwa Senior Enforcement Officer mal-MEPA li spjega li huwa kien intalab sabiex imur fi stabbiliment f' Mdina Road, Haz-Zebbug sabiex jigi ezegwit enforcement notice fejn bhal ma jsir is-soltu intalbet l-assistenza tal-Pulizija. Ix-xhud spjega li meta kien madwar mitt metru 'l boghod minn fejn kien hemm l-imputati Dimech sejjahlu l-Assistent Kummissarju Brincat sabiex jikkonferma li l-ordni sabiex jitwaqqa' l-bini kien validu u ftit wara nqala' xi ghajjat u caqliq ta' nies. Dan ix-xhud qal li huma s-soltu jqabdu kuntratturi sabiex jaghmlu x-xoghol tat-twaqqiegh izda din id-darba dawn irrifjutaw ix-xoghol u ghalhekk kellhom jingiebu ingenji kbar tal-Armata u tal-Pulizija sabiex isir ix-xoghol. Joe Agius Enforcement Officer iehor tal-MEPA li wkoll xehed fl-istess udjenza ikkorrobora dak li qal l-Enforcement Officer l-iehor fejn spjega li x-xoghol ta' twaqqiegh ma setax jinbeda' minhabba li kien hemm l-access imblukkat.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 xehed l-Ispettur Miruzzi fejn qal li huwa kien gie ordnat biex jakkumpanja lil Ufficjali tal-MEPA minhabba xoghol ta' twaqqiegh gewwa l-by pass ta' Haz Zebbug. Huwa gie infurmat li l-imputat Charles Dimech seta' jaqla' l-inkwiet u ghalhekk ha diversi pulizija mieghu sabiex jassistuh. Ghal dan ix-xoghol kellhom jingiebu ingenji tal-armata halli jwaqqghu l-bini llegali. Meta nizel fuq il-post ra lill-imputat Charles Dimech flimkien mal-familja tieghu u ghalkemm tahom ordni biex johorgu mill-post dawn baqghu hemm. L-imputat Charles Dimech beda jghid li huwa kien gie imwieghed li kellu jiehu kumpens u thalla jaghmel kuntatt ma' diversi persuni izda l-ordnijiet li bdew jaslu kienu li jwaqqghu dan il-bini. Il-pulizija pruvat tnehhi lill-familja Dimech minn

nofs izda ma kienx irnexxa u ghalhekk kellha tissejjah aktar Pulizija halli jassistu f' din l-operazzjoni. Ghalkemm kien inghata ordni biex jitnehhew il-vetturi dan ma setax isir minhabba li kellhom it-tyres imnizzla waqt li t-tfal tal-l-imputat Charles Dimech dahlu taht it-trakk u kellha tintuza l-forza necessarja halli johorguhom minn hemm. Ftit wara l-imputati nefhu r-roti tat-trukkijiet u hallew ix-xoghol isir fejn komplew jikkoperaw bi shih mal-awtoritajiet.

Fit-18 ta' Marzu 2011 xehed in kontro-ezami l-Ispettur Miruzzi fejn qal li parti mill-proprjeta' taghhom kienet giet espropjata' fis-sena 2005. Huwa kien gie infurmat li l-imputat Charles Dimech kellu diversi laqghat mal-Ministru Mugliet fuq din il-kwistjoni izda huwa qatt ma kien prezenti ghal dawn il-laqghat. Fil-fatt huwa kkonferma li kienet l-ADT li regghet bniet il-proprjeta' ta' Dimech.. Huwa ma setax jghid jekk fil-fatt kinitx l-ADT li kienet bniet is-sular ta' fuq meta waqqghu parti mill-bini biex bnew it-triq. Huwa kompla jghid li qatt ma kien infurma lil familja Dimech dwar dak li kien sejjer jaghmlu l-ADT. Fil-fatt l-ingenji li kienu sejrin jintuzaw ghal dan ix-xoghol kienu tal-Armata u ghaddew minn naha ta' wara tal-by pass. Huwa zied jghid li l-argument tal-familja Dimech kien li huma hadu bhala kumpens billi l-awtorita' bniet il-post ta' fuq ukoll minhabba l-ftehim li kien hemm. Huwa zied jghid li ufficjal tal-MEPA wassal il-messagg taghhom dwar dan il-ftehim izda l-ordni kienet li dan kien bla permess u ghalhekk ghandu jitwaqqa'. Huwa kompla jghid li wara li saru t-telefonati kollha biex jassiguraw ruhhom dwar dak li kienu qeghdin jghidu, is-sular kellu jitwaqqa' u l-familja Dimech nizzlu t-tyres tat-trukkijiet taghhom halli ma jkunx jista' jsir dan ix-xoghol. Izda wara kien l-istess wiehed mill-imputati

u cioe’ Ludwig Dimech li rega’ nefah it-tyres tal-vetturi. Fil-bidu meta beda jinghata l-ordni sabiex jitnehha kollox l-imputati baqghu ma tawx kaz l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Pulizija izda ftit tal-hin wara huma bdew jikkoperaw mal-istess Pulizija wara li ndunaw li ma kellhomx alternattiva ohra.

Fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2010 xehed Dr. Robert Patignott fejn esebixxa tlett certifikati medici tal-iSpettur Miruzzi, PC 699 u PC Sandro Mangion fejn it-tlieta li huma kellhom feriti hfief (dok RP1, Dok RP2 u Dok RP3).

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2012 xehed l-imputat Ludwig Dimech fejn dan qal li l-familja tieghu kienu xtraw l-art in dizamina fl-2004 fejn huma kellhom stabbiliment fejn kienu jaghmlu x-xoghol taghhom u jzommu l-makkinarju. Huwa qal li meta kien hemm ic-CHOGM f’ Malta kien mar ghandhom perit tal-Gvern u qalilhom li kienu sejrin jesproprijaw bicca mill-art taghhom. Meta raw hekk huma ghamlu laqgha mal-Ministru Mugliet sabiex jaccertaw ruhhom li jinghataw kumpens xieraq u waslu fi ftehim li minflok jinghataw flus jibnilhom sular iehor fuq il-proprjeta’ taghhom. Ludwig Dimech zied jghid li meta beda’ x-xoghol tat-triq, il-haddiema mqabdin mill-ADT bdew jresqu x-xoghol u anki ghaddewlhom id-dawl halli jkomplu jistghu jahdmu u meta waqghu l-garaxx resquhom b’ sittin pied il-gewwa. Kif miftiehem minhabba li hadulhom dik l-art l-ADT bnewlhom sular iehor fuq il-proprjeta’ taghhom.

L-imputat Ludwig Dimech kompla jghid li meta marru s-suldati u l-Pulizija dakinhar tal-incident, l-ufficjali tal-MEPA kienu qalulhom li ma kienx hemm permessi ghas-sular ta' fuq li nbena' . Huma kienu kellmu lil Ministru Mugliet fuq dan il-kaz u huwa kien qalilhom li ser jirrangalhom izda ma kien gara xejn minn dan kollu u fil-fatt meta marru l-haddiema tal-MEPA u l-Pulizija twaqqa' s-sular ta' fuq izda s-sular ta' taht ma ntmissx. L-imputat spjega li l-familja tieghu u hu kienu fi stat ta' paniku kbir meta gara dan kollu izda qal li huwa ma gidem lil hadd u li kien skuza ruhu mieghu meta l-Assistent Kummissarju Brincat qallu li kien gidmu. L-istess imputat sostna li kien ra lil huh jigi msawwat u mbuttat mill-pulizija u li kien ra lill-missieru jidhol fin-nofs sabiex jghinu. Dejjem skond Ludwig Dimech huma qatt ma rcevew karti minghand il-MEPA dwar din il-kwistjoni. Huwa kkonferma li huh l-kbir kien dahal taht it-trukk u li harguh minn hemm billi kaxkruh. Huwa kkonferma diversi ritratti li gew murija lilu (a fol 200 sa 202) fejn spjega x' kien qieghed jigri dak il-hin meta marru l-Pulizija u s-suldati.

L-imputat Carmel Dimech xehed fil-5 ta' Lulju 2013 fejn ikkonferma dak kollu li qal ibnu Ludwig. Huwa sostna li meta marru l-Pulizija dawn bdew jaghtuhom bis-sieq u jghajjruhom. Huwa zied jghid li ma kienx uza theddid jew vjolenza kontra l-Pulizija u spjega li ma riedx li l-haddiema tal-ADT jwaqqghu minn gewwa l-proprjeta' tieghu izda li x-xoghol isir minn barra kif fil-fatt imbaghad sar minghajr ma huma fixklu lil hadd. L-imputat Carmel Dimech sostna li l-oggezzjoni tieghu kienet li minhabba t-twaqqiegh uliedu u hu ma kienux jistghu ikomplu jahdmu.

Fis-27 ta’ Settembru 2013 xehed l-imputat Melchior Dimech fejn qal li fil-gurnata, lok u hin in dizamina huwa kien qieghed jahdem fil-yard taghhom fi Mdina Road, Haz-Zebbug meta ra kwantita’ ta’ Pulizija dehlin ghandhom. Huwa kkonferma dak li qalu missieru u huh dwar il-ftehim li sar mal-Ministru Mugliett u sostna li meta waslu l-Pulizija huwa kien taht truck qed jahdem u li dawn bdew jigbduh minn taht l-istess truck sabiex johorguh. Huwa qal li ma kien hedded jew irrezista lil hadd dakinhar u lanqas ma kien tkellem mal-haddiema tal-MEPA. Melchior Dimech qal ukoll li ra lill-Pulizija ma’ missieru u ommu u gibdilhom l-attenzjoni li missieru kien ghadu kemm ghamel operazzjoni u ma jiflahx. Huwa sostna li meta l-Pulizija ordnawlu sabiex inehhi t-truck dan kien bla roti u ma riduhx iwahhal lura r-roti biex ikun jista’ jresqu. Huwa cahad li prova jigdem lil Pulizija jew li nizzel ir-roti tat-trukkijiet. Meta gie muri diversi ritratti (nseriti a fol 57 tal-atti processwali u precizament dawk immarkati bhala 61, 62, 63, 29, 51, 9 u 6) huwa spjega kif il-Pulizija uzaw il-forza fuqu. Huwa sostna wkoll li meta inghata ordni mill-Pulizija sabiex jonfoh ir-roti tat-truck huwa obdiha.

Fit-13 ta’ Gunju 2014 xehdet Josephine Dimech fejn qalet li hija tigi mart l-imputat Carmel Dimech. Hija qalet li marret gewwa l-post taghhom fi Mdina Road u meta waslet hemm sabet suldati u pulizija fuq il-post. Hija qalet li marret iggib il-ftehim li kien sar mal-ADT biex turi li fil-fatt kien se jibnu s-sular ta’ fuq. Hija qalet li kienet uriet din il-karta lil l-Ispettur Miruzzi izda huwa qallha li kellhom ordni biex iwaqqghu l-bini. Hija qalet li rat lis-Supretendent Brincat isawwat lit-tfal taghha. Din ix-xhud sostniet li

lilha kienu tefghuha mal-art fil-kommozzjoni li nqalghet u qalet li ma ratx it-tfal taghha jaghtu jew isawtu lill-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f' dan il-kaz jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti. Min-naha l-wahda hemm il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-membri tal-korp tal-Pulizija dwar il-mod kif agixxew it-tlett imputati fil-gurnata in dizamina u min-naha l-ohra hemm il-verzjoni tat-tlett imputati li jghidu li huma ma offrew ebda rezistenza u li ma kienx hemm agir vjolenti da parti taghhom lejn il-Pulizija. Per ezempju l-imputat Melchior Dimech qal li ma kienx minnu li dahal taht it-truck sabiex ma jhalliex lill-Pulizija jkomplu b' xogholhom izda li huwa fil-fatt kien qieghed jaghmel xi xoghol tahtu x' hin gew il-Pulizija u dawn bdew jigbduh minn kullimkien u ghalhekk ma setax johrog. Il-Qorti m' ghandha l-ebda raguni tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-Pulizija anki ghaliex tali verzjoni hija korroborata minn dak li jidher fil-varji ritratti li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni f' dawn l-atti. Minn dawn ir-ritratti fil-fatt jidher b' mod car li l-imputat Melchior Dimech kien ferm attiv fir-rezistenza lejn il-Pulizija u din l-Qorti ghalhekk difficilment tista' temmen li huwa kien qieghed taht it-truck sabiex jaghmel xi xoghol fih. Illi johrog bic-car wara li din il-Qorti rat ir-ritratti esebiti u anki mix-xhieda li nstemghu waqt dawn il-proceduri, li Melchior Dimech offra rezistenza u fixkel lill-Pulizija milli jidhlu u jaghmlu dak mistenni li kellhom jaghmlu. L-istess haga jirrizulta li ghamlu missieru Carmel Dimech u huh Ludwig Dimech.

Il-Qorti setghat tinnota li l-Assistant Kummissarju Brincat xehed li meta huwa nizel fuq il-post u wara li tkellem mal-familja Dimech dan ma wassal ghal xejn sabiex is-sitwazzjoni tinbidel. Kien ghalhekk li huwa ta ordni sabiex jitnehhew it-trukkijiet min-nofs halli jkun jista' jinbeda' x-xoghol ta' twaqqiegh. Kif wasal it-tow truck privat, l-imputat Charles Dimech beda' jhedded lix-xufier u ghalhekk gie ordnat li jintuza t-tow truck tal-Pulizija. Meta gew ufficcjali tal-Armata halli jnehhu l-ostakoli li kien hemm fin-nofs Melchior Dimech intefa' taht it-truck. Meta l-Assistent Kummissarju Brincat kien qieghed jipprova jitkellem mal-imputat Carmel Dimech, Ludwig Dimech mar fuqu u gidmu fuq sidru. L-Assistant Kummissarju Brincat qal li anki meta waslu l-haddiema privati tat-tow truck biex jitnehhew it-trukkijiet, l-imputat Carmel Dimech beda' jheddidhom. Illi l-Qorti setghat ukoll tikkonstata li ma kienx biss l-Assistent Kummissarju Brincat li sofra griehi izda kien hemm ukoll membri ohra tal-korp li soffrew griehi hfief minhabba r-rezistenza da parti tat-tlett imputati.

In konkluzjoni jinghad li anki jekk se mai kien hemm ftehim mal-ADT dwar il-bini tat-tieni sular l-imputati ma setghux joffru rezistenza bi vjolenza lejn il-Pulizija li kienu qed jezegwixxu ordni legittima mahruga mill-MEPA sabiex jitwaqqa bini mhux kopert bil-permessi relattivi. L-imputati se mai kellhom rimedji ohra legali sabiex iwaqfu x-xogholijiet minhabba l-pretensjonijiet li jsostnu li kellhom. Anki jekk il-pretensjonijiet tal-imputati kienu fondati dan xorta wahda ma kienx jiggustifika l-agir abbuziv taghhom lejn l-awtoritajiet li kienu qeghdin jagixxu b' mod legittimu biex titnehha illegalita.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom skond in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati wara li offrew rezistenza bi vjolenza spiccaw sabiex ikkoperaw mal-Pulizija u kkunsidrat ukoll il-fatt li seta’ nholoq dizgwid mill-ADT meta huma hadu parti mill-proprjeta’ tal-imputati sabiex titwessa’ t–triq u mbaghad ghamlu x-xogholijiet riparattivi fl-istess proprjeta’. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li m’ ghandiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-13 ra’ Awissu 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 91, 95, 96, 338(ee) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil-imputati Carmel u Melchior Dimech hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannahom tnax (12) il-xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-13 ra’ Awissu 2007 u senjatament l-Artikoli 17, 91, 95, 96, 338(ee), 338(dd), 214, 221 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil-imputat Ludwig Dimech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah

tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------